MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 478/2008

**Avv. Josette Grech bhala mandatarja specjali tas-socjeta` estera Neber S.r.l ta' 22, Via Zamenhof, Vincenza l-Italja.**

**vs.**

**MWJ Co. Ltd (C29437).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dr. Josette Grech (K.I. 18679 (G) bhala mandatarja specjali tas-socjeta` estera Neber S.r.l. datat 9 ta' Mejju 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha merkanzija konsistenti f'gojjellerija u dan kif jirrizulta minn zewg fatturi rilaxxati

mis-socjeta` attrici numri 141/05 u 226/05 (Dokument "A" u "B");

Illi l-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal dsatax-il elf disa' mija u hmistax-il ewro u sebghin centezmu (€19,915.70).

Illi minkejja li s-socjeta` attrici interpellat lis-socjeta` konvenuta diversi drabi biex teffettwa l-hlas tal-imsemmija fatturi, inkluz b'ittra interpellatorja datata 26 ta' Novembru 2007 (Dokument "C"), is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi fil-ligi x'taghti u ghalhekk jezistu l-elementi tal-procedura sommarja *a tenur* tal-**artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet a' Malta**;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija dsatax-il elf disa' mija u hmistax-il ewro u sebghin centezmu. (€19,915.70)

Bl-ispejjez legali inkluz bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja datata 26 ta' Novembru 2007 u bl-imghax kummercjali mid-dati tal-fatturi imsemmija, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 2 sa fol. 8 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta' Gunju 2008.

Rat il-verbal datat 11 ta' Gunju 2008 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika.

Rat il-verbal tas-seduta datata 25 ta' Gunju 20008 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u xehed Noel Mifsud rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Illi l-Qorti ddecidiet li peress li s-socjeta' konvenuta ppruvat *prima facie* li ghandha eccezzjonijiet x'taghti pprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata ghall-prezentata ta' risposta guramentata.

Rat ix-xhieda ta' Noel Mifsud datata 25 ta' Gunju 2008 u d-dokumenti minnu esebiti bhala Dok. "NM1" sa Dok. "NM 4".

Rat ir-risposta mahlufa tas-socjeta` konvenuta s-socjeta` MWJ Co. Ltd datata 14 ta' Lulju 2008 a fol. 32 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi t-talba tar-rikorrenti Avv. Josette Grech *nomine* kif dedotta ghandha tigi michuda billi is-socjeta` MWJ Co. Limited m' ghandhiex taghti l-ammont pretiz u dan *stante*:

a. hlas ta' parti mill-ammont mitlub; u

b. il-fatt li s-socjeta` Neber S.r.l. rapprezentata mir-rikorrenti Avv. Josette Grech *nomine* baghtet lis-socjeta` esponenti eccipjenti merkanzija ndikata fir-rikors mahluf odjern u merkanzija li ma kinitx vendibbli; u

c. li s-socjeta` Neber S.r.l. ghandha taghti lis-socjeta` esponenti eccipjenti flus kwantu vlur ta' merkanzija li l-istess socjeta` esponenti irceviet anqas minn dak li kien fatturat u mhallas minnha u li ghalhekk tali valur jigi paccut ma' kull bilanc li jista' talvolta jirrizulta dovut lis-socjeta` Neber S.r.L. mis-socjeta` esponenti eccipjenti wara li jsiru l-konteggi *in vista* tal-eccezzjonijiet precedenti.

Dan kollu ser jigi ppruvat f' aktar dettal waqt is-smigh tal-kawza.

2. Illi s-socjeta` esponenti eccipjenti *in vista* tal-premess ma ghandhiex tehel la l-ispejjez kif mitluba u lanqas l-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi ghad illi s-socjeta` Neber S.r.l. kienet taf li kien hemm kwistjonijiet dwar mistoqsijiet fil-merkanzija u dwar merkanzija mhux vendibbli u ghazlet li tinjora dawk il-kwistjonijiet u pprocediet bil-kawza ghall-kanonizzazzjoni ta' ammont li ma huwiex dovut fl-ammont mitlub.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 32 u 33 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2008 fejn Dr. Josette Grech iddikjarat li hemm xi oggezzjonijiet zghar ghall-oggetti ndikati fl-ammont ta' €262.35; dwar l-ammont ta' €3,605.50 indikat fid-Dok. "NM 4" din tirreferi ghall-fattura numru 163 datata 19 ta' Novembru 2004 li ma hijiex inkluza fil-mertu tar-rikors. Il-partijiet inghataw zmien sabiex jipprezentaw l-affidavits taghhom u l-kawza giet differita ghat-18 ta' Frar 2009 ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2009 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u Dr. Josette Grech pprezentat affidavit u ddikjarat li ma ghandhiex provi iktar; b'hekk il-Qorti ddegretat li t-terminu tal-affidavits tal-konvenut jibda jghaddi mid-data tas-seduta u l-kawza thalliet ghall-provi kollha ghall-21 ta' April 2009 bejn l-10.00.a.m u l-10.30.a.m.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-21 ta' April 2009 meta ssejhet il-kawza dehret biss Dr. Josette Grech ghas-socjeta' attrici. Is-socjeta' konvenuta u d-difensur taghha Dr. Pio Valletta msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux u ghalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa. Dr. Josette Grech ipprezentat nota li biha rriduciet l-ammont mitlub ghal dak ta' €19,653.35, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' April 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta` attrici talbet il-hlas ta' €19,915.70 rappresentanti prezz ta' gojjellerija mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skont kif jidher minn zewg fatturi numri 141/05 (Dok. "A") u 226/05 (Dok. "B").

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet li l-ammont rikjest mhux dovut peress li kien hemm merkanzija li ma gietx ikkonsenjata u dawn huma ndikati fil-lista Dok. "NM1" u fid-Dok. "NM2" li dwarhom xehed Noel Mifsud. Jirrizulta li dawn in-nuqqasijiet huma tal-valur ta' €262.35 (Dok. "NM2" u affidavit ta' Giuseppe Faccin – fol. 38 u dokument a fol. 41) u li gew mnaqqsa mill-ammont mitlub u tant li l-ammont mitlub fir-rikors guramentat gie ridott ghall-ammont €19,653.35 skont nota ta' riduzzjoni datata 21 ta' April 2009.

Illi ma gie ppruvat l-ebda nuqqas iehor ta' konsenja u dan minkejja dak li xehed Noel Mifsud fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2008, u fil-fatt ghalkemm kellhom isiru verifiki minnu dwar l-istess allegati nuqqasijiet ohra ma saret u ma ngabet l-ebda prova dwar dan.

Illi dwar allegati pagamenti li saru fl-ammont ta' €3.605.50 dan jirreferi ghall-fattura 163/2004, liema konsenja ma' hijiex il-mertu tal-kawza odjerna, *stante* li l-ammont oggett tal-pendenza odjerna huwa dak li johrog minn fatturi numri 141/05 u 226/05 indikati u esebiti mar-rikors guramentat.

Illi ghalhekk it-talba attrici kif ridotta €19,653.35 qed tigi milqugha.

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta\` konvenuta nkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici kif ridotta** b'dan illi:-

2. Tikkundanna lis-socjeta\` konvenuta thallas lis-socjeta\` attrici dsatax il-elf, sitt mija u tlieta u hamsin ewro u hamsa u tletin centezmu (€19,653.35) rapprezentanti prezz ta' merkanzija konsistenti f'gojjellerija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta\` konvenuta kif indikat fl-azzjoni attrici.

Bl-ispejjez legali inkluzi dawk tal-ittra legali datata 26 ta' Novembru 2007 u bl-imghax kummercjali mid-dati tal-fatturi relattivi u rispettivi sal-effettiv pagament kontra s-socjeta\` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------